**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Frar 2021

Rikors Numru: 40/14/2 AL

**AB**

**vs**

**CB**

**(M.R. Numru 1301/1987)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi A B ta' nhar id-9 ta' Marzu 2015, li permezz tiegħu ppremettiet:

*Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' liema l-esponenti qiegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

*Illi għad li bejn il-kontendenti hemm għaddejja kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet premessi (Rik. Ġur/ Nru, 40/2014AL), skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 it-talba odjerna tista' ssir minn kull parti f'kull zmien matul is-smigħ tal-kawza tal-firda;*

*Illi fil-kaz odjern jissustixxu l-elementi kollha li trid il-liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju u dan għaliex il-kontendenti għaddejjin minn kawza ta' firda personali, ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal snin sħaħ u għalhekk l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti spiċċa għal kollox;*

*Illi jrid jingħad li l-esponenti kienet kostretta tħalli d-dar matrimonjali u dan minħabba l-aġir tal-intimat li kwindi spiċċa jgawdi hu l-frott ta' snin twal ta' ħidma tal-partijiet. Naturalment l-intimata kellha tagħmel arranġamenti alternattivi imma minħabba l-pendenza ma' zewġha dan ma kienx u mhuwiex faċli;*

*Illi l-intimat ma' jista' jbati ebda preġudizzju u dana peress li huwa jgawdi minn pensjoni tas-servizz wara li ġie rilaxxat mill-Forzi Armati ta' Malta oltre għal benefiċċji oħra li jipperċepixxi;*

*Illi inoltre l-intimat ma hu qiegħed iħallas ebda manteniment lill-esponenti la għaliha u lanqas għal uliedha stante li dawn huma maġġorenni;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kntendenti u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 u tordna illi din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-Kap. 16 u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-wawfien tal-komunjoni tal-akkwisi ikun sar b'att ai termini tal-istess artikolu u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tal-konvenut C B ta' nhar it-8 ta' April 2015, fejn eċċepixxa:

*Illi l-esponent ma jifhemx kif qiegħed jigi allegat mill-attrici martu illi "... jissussistu l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti...", peress illi l-element identifikat mill-legislatur ghal ghoti tas-sentenza mitluba huwa wiehed, cioe, illi ebda parti ma*

*ghandha tbati pregudizzju sproporzjonat minn tali waqfien. Illi mkien fir-rikors tal-attrici ma hu indirizzat il-kriterju indossat mill-legislatur fuq din it-talba.*

*Illi l-attrici ma kienetx kostretta titlaq mid-dar konjugali kif skorettament mistqarr fi-rikors taghha. L-attrici telqet mid-dar konjugali hekk kif ulied il-kontendenti saru indipendenti u l-esponent ha l-pensjoni.*

*Illi ghalkemm huwa minnu illi l-esponent ma jhallasx manteniment lill-attrici u lit-tfal komuni taghhom, din l-osservazzjoni qeghda ssir biss sabiex dina l-Onorabbli Qorti tigi zgwidata peress illi t-tfal huma finanzjarjament indipendenti, u l-attrici, kif inghad, tahdem. Kien ikun fil-fatt inekwu kieku l-esponent, illi kif inghad huwa pensjonant, kien qieghed imantni mara bi dhul akbar minn tieghu jew lit-tfal li wkoll ghandhom dhul ferm akbar mid-dhul tieghu.*

*Illi l-esponent jissottometti illi t-talba tal-attrici martu ghandha tigi michuda ghaliex fil-fehema umli tieghu, il-legislatur ma riedx illi r-rimedju introdot mill-istess legislatur jigi cinikament abbuzat propju bil-mod illi qeghda tittenta taghmel l-attrici.*

*Illi qieghed jirrizulta mill-provi, illi l-esponent irtira mix-xoghol u beda jircievi pensjoni, wkoll ghaliex kora gravament f'incident stradali, u l-attrici, illi qabel kienet esklussivament mantnuta mill-esponent zewgha, illum sabet impjieg full-time. Illi dan il-kambjament fic-cirkostanzi rispettivi tal-kontendenti, donnu hajjar lill-attrici sabiex tipprecipita dawn il-proceduri.*

*Illi in oltre, wara snin twal fejn kif inghad l-attrici kienet il-beneficcjarja tal-hidma ta' zewgha, ipprezentat din it-talba sabiex tizgura illi zewgha qatt ma jkun beneficcjarju tal-hidma taghha. Dan fih innifsu huwa pregudizzju sproporzjonat kif mahsub mill-legislatur ghaliex ebda parti f'kawza ta' separazzjoni ma ghandha, sakemm ic-cirkostanzi ma jitolbux xorta ohra, tigi mhollija tikseb vantaggi fuq il-parti l-ohra pendente litem.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' nhar it-8 ta' April 2015, fejn ordnat lil partijiet sabiex iressqu l-provi kollha tagħhom dwar l-assi u d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Rat ir-rikors tal-attriċi ta' nhar it-13 ta' Marzu 2020, fejn l-attriċi ppremettiet:

*Illi b'rikors prezentat nhar id-9 ta' Marzu 2015, l-esponenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16, tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

*Illi b'digriet tat-8 ta' April 2015, din l-Onorabbli Qorti ipprovdiet fuq tali rikors billi ordnat lill-partijiet sabiex fl-ewwel lok iressqu l-provi kollha dwar l-assi u d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi l-esponenti ilha li resqet il-provi kollha taghha tant li kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-kawza ilha għall-provi konvenut sa mill-2015;*

*Illi fil-kaz odjern jissustixxu l-elementi kollha li trid il-liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet mill-aktar fis u dan għaliex il-kontendenti għaddejjin minn kawza ta' firda personali, ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal snin sħaħ u għalhekk l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti ormai ilu li spiċċa;*

*Illi jrid jingħad li l-esponenti kienet kostretta tħalli d-dar matrimonjali u dan minħabba l-aġir tal-intimat li kwindi spiċċa jgawdi hu l-frott ta' snin twal ta' ħidmet il-partijiet. Naturalment l-esponenti kellha tagħmel arranġamenti alternattivi imma minħabba l-pendenza ma' zewġha – dan ma kienx u mhuwiex faċli;*

*Illi l-intimat ma' jista' jbati ebda preġudizzju u dana peress li huwa jgawdi minn pensjoni tas-servizz wara li ġie rilaxxat mill-Forzi Armati ta' Malta oltre għal benefiċċji oħra li jipperċepixxi;*

*Illi inoltre ma hu qiegħed iħalas ebda manteniment lill-esponenti la għaliha u lanqas għal uliedha stante li dawn huma maġġorenni;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tgħaddi sabiex tipprovdi b'mod definittiv fuq ir-rikors tal-esponenti tad-9 ta' Marzu 2015 u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 u tordna illi din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-Kap. 16 u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisi ikun sar b'att ai termini tal-istess artikolu u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi l-konvenut C B, debitament notifikat nhar it-30 ta' Marzu 2020 bir-rikors tal-attriċi datat 13 ta' Marzu 2020,[1] baqa' ma pprezentax ir-risposta tiegħu skont id-digriet tal-Qorti ta' nhar is-16 ta' Marzu 2020;[2]

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mallia u Dr Abigail Critien;

Rat il-provediment ta' din il-Qorti li ngħata llum stess u dan fir-rigward tar-rikors tal-attriċi datat 13 ta' Marzu 2020;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attriċi A B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dan peress li l-attriċi temmen illi *"jissistixxu l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju u dan għaliex il-kontendenti għaddejjin minn kawza ta' firda personali, ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal snin sħaħ u għalhekk l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti spiċċa għal kollox"*. Barra minn hekk l-attriċi tkompli tikkontendi illi *"l-intimat ma jista' jbati ebda preġudizzju u dana peress li huwa jwadi minn pensjoni tas-servizz wara li gie rilaxxat mill-Forzi Armati ta' Malta oltre għal beneficcji ohra li jipperċepixxi"*.

Il-konvenut min-naħa tiegħu qiegħed joġġezzjona għal din it-talba, liema oġġezzjoni qiegħda tiġi bbazata prinċiparjament fuq il-fatt illi l-attriċi qiegħda tabbuza mill-proċedura in kwistjoni, stante li hija ma ndirizzatx il-kwistjoni tal-preġudizzju sproporzjonat u *di piu'* l-intiza ewlenija tagħha hija illi zewġha ma jkun qatt benefiċċjarju tal-ħidma tagħha. Barra minn hekk, il-konvenut jisħaq illi

[1] Fol. 8.
[2] Fol. 4.
[3] Fol. 7.

l-attriċi fl-ebda waqt ma kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali, izda kienet hi li għazlet li tagħmel dan meta wliedhom saru finanzjarjament indipendenti u hi bdiet taħdem fuq bazi *full-time*, filwaqt li hu kellu jirtira mix-xogħol minħabba li korra gravament.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[4] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[5] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

3. **Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:**

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

Il-Qorti tevalwa illi l-partijiet ilhom snin jgħixu *de facto* separati minn xulxin u dan wara li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali. Min-naħa l-oħra, l-konvenut baqa' jgħix fid-dar matrimonjali, liema proprjeta' ġiet mixtrija miz-zewġ partijiet flimkien. Il-kawza ta' separazzjoni personali bdiet tinstema' quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mallia u issa quddiem Dr Abigail Critien. Fil-prezent il-ġbir ta' provi għadu fi stadju konvenut, fejn mill-atti tal-kawza ta' separazzjoni personali jirrizulta illi l-partijiet għandhom numru ta' kontijiet bankarji, f'isimhom personali u kif ukoll konġunti, immobbli li jikkonsistu fid-dar matrimonjali u garaxxijiet, mobbli ġewwa d-dar matrimonjali, vetturi, u poloz tal-assikurazzjoni. Fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi tgħid illi llum hi u zewġha jgħixu ħajja separata, u l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti ilu li spiċċa zmien. L-attriċi tkompli tikkontendi illi l-partijiet jgħixu ukoll ħajja indipendenti minn xulxin ukoll mill-aspett finanzjarju, tant illi l-konvenut ma jgħaddi l-ebda manteniment lill-attriċi għaliha personali u kif ukoll għal uliedhom.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tevalwa li l-konvenut fir-risposta tiegħu jirrileva illi *"t-talba ta' martu ghandha tigi michuda ghaliex fil-fehema umli tieghu, il-legislatur ma riedx illi r-rimedju introdot mill-istess legislatur jigi cinikament abbuzat propju bil-mod illi qeghda tittenta taghmel l-attrici"*. Għaldaqstant ir-raġuni tal-konvenut għaliex din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-attriċi hija bbazata fuq l-allegazzjoni tiegħu li l-attriċi qiegħda tabbuza mill-proċeduri, tant li qiegħda tittenta tizvija lil Qorti milli tasal għal ġudizzju tajjeb. Fil-fatt il-Qorti tevalwa li l-konvenut bl-ebda mod ma jisħaq b'mod ċar, dirett u konkret illi kieku t-talba tal-attriċi tiġi akkolta minn din il-Qorti, huwa ser ikun qiegħed ibati minn preġudizzju sproporzjonat. Anzi pjuttost jisħaq illi kellha tkun l-attriċi fir-rikors tagħha stess illi tamplifika dwar il-kunċett legali tal-preġudizzju sproporzjonat

F'dan l-istadju, l-Qorti tirrileva illi l-unika raġuni għaliex hija għandha tiċħad it-talba attriċi hija jekk jiġi ppruvat illi wieħed jew iz-zewġ partijiet ser isofru minn preġudizzju sproporzjonat, liema preġudizzju m'għandux ikun merament vvantat izda pruvat għas-sodisfazzjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward ssir referenza għal dak li ġie ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u

**Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, liema prinċipju għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[6] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Minn evalwazzjoni tal-atti li għandha quddiemha l-Qorti, jidher ċar li l-konvenut ma ttentax jibbaza l-argument tiegħu fuq xi disposizzjoni legali, jew iressaq prova li b'xi mod ser ikun qiegħed isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li t-talba attriċi tiġi akkolta. Il-Qorti ma tikkondividx l-argumenti tal-konvenut illi l-attriċi b'xi mod pruvat tizgwidaha, bl-intiza aħħarija tagħha li l-konvenut ma jkun qatt f'pozizzjoni li jibbenefika mill-frott tal-ħidma tagħha. Mill-atti huwa ben stabbilit illi z-zewġ partijiet għandhom l-introjtu tagħhom u b'hekk ma hemm l-ebda raġuni sabiex dawn jiddependu minn xulxin. Barra minn hekk, ġie ppruvat ukoll illi ulied il-partijiet illum huma maġġorenni, jaqgħilu l-għixien tagħhom ukoll u b'hekk ma humiex dipendenti fuq il-ġenituri tagħhom. Il-kwistjoni li ebda manteniment mhu qed jiġi mħallas mill-konvenut lill-attriċi, ma kienetx kwistjoni sabiex l-attriċi tizvija lil Qorti, izda sempliċiment stat ta' fatt sabiex l-attriċi turi biċ-ċar illi l-partijiet huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tevalwa li mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-intiza tal-attriċi u kif ukoll tal-konvenut kienet minn dejjem li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi xolta u dan kif ikkorraborat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi u bir-risposta ġuramentata tal-konvenut. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet, speċjalment f'kaz illi xi ħadd mill-partijiet jagħzel li jidħol f'xi dejn li jista' jkollha tirrispondi għalih il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat. Wara li l-ġbir tal-provi jiġi konkluz, il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Naturalment il-Qorti tfakkar li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-*

[6] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

*attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[7] B'hekk ebda mill-partijiet ma jistgħu jiġu preġudikati milli jirkupraw sehemhom li kien jew għadu jifforma parti mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikors tal-attriċi datat 9 ta' Marzu 2015 b'dan illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u tiddikjara li r-regim matrimonjali li għandu japplika bejn il-kontendenti mil-lum 'il quddiem huwa dak tas-separazzjoni tal-beni u qiegħda tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tigi dikjarata *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

Dr. Abigail Lofaro

Imħallef

[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.